*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

## Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 49*

***5.30p.m  09 t'Awissu 2022***

### *Preżenti*

Is-Sur Josef Azzopardi - Sindku
Is-Sur Joseph Scerri - Viċi Sindku
Is-Sur Colin Pace - Kunsillier
Is-Sur Dominic Spencer - Kunsillier
Is-Sur Joseph Lia - Kunsillier

### *Assenti b'apoloġija*

Is-Sur Francis Debono - Kunsillier
Is-Sinjura Charmaine Aquilina -Kunsillier

### *Uffiċjal Preżenti*

Edward Spiteri Audibert - Segretarju Ezekuttiv

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *49.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji.*

49.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono u l-Kunsillier is-Sinjura Charmaine Aquilina talbu li jiġu skużati minħabba raġunijiet personali.

## *49.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

49.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 48. Wara li ħadd mill-membri ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

### *49.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

49.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li kif probabilment jaf kull membru tal-Kunsill kien hemm sitwazzjoni fejn persuna barrannija ħebbet għall-kuntrattur tal-latrini fejn dan sefa' aggredit u l-ħaddiema tal-Kunsill marru jgħinuh sakemm waslu l-Pulizija tad-distrett u tal-RIU. Is-Sindku qal li l-Kunsill ħa ħsieb li l-ħaddiema u l-kuntrattur jingħataw l-attenzjoni medika li kellhom bżonn u anke li jsir rapport uffiċjali mall-Pulizija. Huwa talab lill-dawk preżenti il-fehma tagħhom dwar il-possibilita' li l-Kunsill jgħin legalment il-ħaddiema jekk kemm-il darba dawn ikollhom bżonn servizzi legali. Il-Kunsilliera kollha urew l-approvazzjoni tagħhom dwar dan.

## *49.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

49.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet matul din is-sessjoni.

## *49.5 Kunsiderazjoni* **u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

49.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 08/2022 annessa. Fl-iskeda hemm pagament tal-kuntrattur Karmig għal xogħolijiet li bdew f'Jannar, kif ukoll Life Insurance Policy għall-kunsilliera. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti oħra dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab

l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom.  Il-Kunsillier is-Sur Colin Pace issekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *49.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

49.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-kumpanija BCRS Malta qed tistaqsi jekk il-Kunsill huwiex interessat ipoġġi Reverse Vending Machine fil-lokalita' fi Triq Patri Feliċjan Bilocca fejn wieħed jista' jiddepożita kontenituri tax-xorb u jieħu lura 10c. Din is-sistema tkun qed tgħin fir-riċiklaġġ fil-lokalita'. Wara diskussjoni fost dawk preżenti, l-Kunsill talab biex jingħata aktar informazzjoni dwar kif din il-vending machine tiġi operata sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni u dwar il-bdil fil-post. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

49.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Kumitat tal-Festi Esterni Marija Reġina qed titlob lill-Kunsill sabiex bejn il-15 u 28 t' Awissu l-Kunsill ma jagħtix permessi ta' makkinarju fit-toroq tal-parroċċa sabiex ma jsirx ħsara lill-armar tal-festa. Wara diskussjoni fost dawk preżenti ġie miftiehem li filwaqt li huwa mpossibli li ma jinħarġux permessi għat-tul ta' dan iż-żmien kollu, l-Kunsill ser ikun qed jillimita permessi fil-gimgħa tal-festa. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

49.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Parroċċa tas-Ssma. Trinita' talbet l-Kunsill sabiex il-momument tas-Sur Lorenzo Balbi u martu jitnaddfu f'ġieħ għeluq il-mitt sena mill-mewt tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.7 Servizz addizzjonali mill-LESA;*

48.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lil dawk preżenti li madwar il-lokalita' hemm diversi hotspots u oħrajn ġodda li fihom qed isir rimi illegali ta' skart. Filwaqt li l-Kunsill matul dawn l-aħħar snin għamel CCTV cameras, qed jinħass il-bżonn li jkun hemm nies pajżana biex dawk li jkunu qed jarmu jinqabdu fil-fatt. Is-Sindku qal li kellu diskussjonijiet mas-Sur Claudio Tonna u s-Sur John Galea tal-LESA fejn ddiskutew il-possibilita' li jkun hemm nies pajżana tal-LESA li jduru dawn il-hotspots għall-prezz ta' €30 kull siegħa. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri qal li hemm diversi hotspots madwar il-lokalita' apparti fi Triq Saura u żoni oħrajn. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ippropona li tintbgħat ittra lir-residenti tal-persuna li qed jinqabad jarmi fl-akwata, madankollu s-Sindku spjega li minħabba kwistjonijiet ta' data protection il-Kunsill ikun irid ikellem lill-avukat. Wara diskussjoni fost dawn preżenti ġie miftiehem li s-servizz għandhu jibda b'10 sigħat kull ġimgħa għall-prezz ta'€1,200 kull xahar bi prova. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.8 Deċiżjoni dwar ir-re-evalwazzjoni tat-Tender tal-Knis*

49.8.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-wara l-laqgħa li għaddiet il-Kunsill approva l-bord ta' re-evalwazzjoni, dawn intaqgħu, bgħatu uffiċjalment il-klarifiki mitluba mill-Qorti, u saret l-analiżi ta' dak li ntbgħat. Hawnhekk rajna li minkejja l-appelli li saru mis-Sur Sandro Caruana dan xorta baqa' ma pprovdiex kopja tal-logbook tal-'Mechanical Sweeper'. B'hekk ir-rankings finali tat-tender baqgħu l-istess u għalhekk skont il-bord tar-re-evalwazzjoni hija l-kumpanija WM Environmental li għandha terbaħ it-tender. Wara li ma kien hemm l-ebda mistoqsija dwar dan ir-riżultat il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.9 Deċiżjoni dwar it-Tender tal-Attivitajiet tal-Belt Kulturali 2022*

49.9.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li matul din il-ġimgħa ingħalaqa it-tender marbut mall-attivitajiet Marsa Belt Kulturali tas-Sena 2022. Kien hemm kumpanija waħda li wriet interess f'dan it-tender u zammet mall-prezzijiet mitluba mill-Kunsill ta' ftit inqas min €107,000. Din hija l-kumpanija TEC Ltd, li apparti l-prezz għandha r-rekwiżiti tekniċi mitluba. Is-Sindku talab lil dawk preżenti għall-approvazzjoni tal-kumpanija. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu oġġezjoni l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.10 Management Letter*

49.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti d-dettalji tal-Management Letter u r-risposta tal-Management Letter. Huwa qal li l-Management Letter tal-Kunsill kien ibbażat purament fuq nuqqasijiet ta' accounting u fuq nota pożittiva wieħed jista' jara li l-kwistjonijiet li sabu l-awdituri kienu ferm inqas min snin preċedenti. Għaldaqstant, il-Kunsill ser ikompli jaħdem biex ikompli jtejjeb il-qafas amminitrattiv tal-Kunsill. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu mistoqsijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.11 Sigurta' fil-lokalita'*

49.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill li għal diversi xhur l-għassa tal-Marsa hija magħluqa biex isir ir-restawr fiha ħalli fil-gimgħat li ġejjin imorru fiha l-Pulizija tal-Kommunita'  Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li wara li sar ħafna xogħol ta' raids mill-membri tal-RIU u tal-immigration issa naqsu ħafna u qed jerġaw jitfaċċaw problemi bħal qabel. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri saħaq fuq dak li qal l-Kunsillier Spencer li l-patrols tal-RIU jridu jkomplu, apparti r-raids li kienu jsiru ta' kuljum. Is-Sindku qal ukoll li l-għassa tal-Marsa kellha ukoll spettur full-time u issa m'hemmx. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer talab li ssir laqgħa mall-Prim Ministru, l-Ministru tal-Intern u tal-Eneġija sabiex anke jiżdied id-dawl fil-lokalita billi jsiru bozzoz aktar qawwijjin. Is-Sindku qal li diġa hemm task force bil-għan li jiżdiedu l-cameras fil-lokalita' kif ukoll id-dawl, madankollu, jaqbel li jsiru dawn il-laqgħat bil-għan li jiġu ndirizzati dawn il-problemi. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.12 Ħruġ ta' Nominazjonijiet Ġieħ il-Marsa*

49.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsill ser ikun qed jiġbor in-nominazzjonijiet li ntbgħatu l-Kunsill matul dawn l-aħħar xhur għall-premju prestiġġjuż ta' Ġieħ il-Marsa. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jkun tajjeb jekk jiġu nfurmati l-għaqdiet kollha u jkun hemm post għaliha fuq facebook. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Kunsillier is-Sur Colin Pace ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.13 Update fuq Spencer Gardens*

49.13.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma l-dawk preżenti li l-Ġnien Spencer ser jibqa jissemma hekk, madankollu, l-ERA li ser tieħu ħsieb il-proġett għat-tisbieħ tal-Ġnien xtaqet li jkun hemm sezzjonijiet tal-Ġnien li jixtiequ li jissemmew għal enċiklika tal-Papa, Laudate Si, u sezzjoniji oħra li jixtiequ li tissemma għan-naturalist Guido Lanfranco. Is-Sindku spjega li jekk kemm-il darba l-Ġnien jibqa msemmi Ġnien Spencer kif dejjem kien imsemmi ma għandhux il-Kunsill jopponi li partijiet zgħar tiegħu ikollhom mafkar bid-dettalji fiħ. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li jkun xieraq jekk il-parti ta' fejn hemm il-fdalijiet Rumani jiġu nkorporati mall-proġett sħiħ. Is-Sindku qal li jixtieq jitlob lis-Sur Daniel Cilia, mill-ERA jiġi l-Kunsill biex tiġi diskussa din it-tema. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

49.13.2 Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti dwar li l-possibilita' li jsir arblu tal-Kunsill fejn il-logo tal-Marsa Belt Kulturali 2022 ta' Diċembru 13. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.14 Update Attvitajiet Belt Kulturali*

48.14.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li fl-24 ta' Settembru ser ikun hemm l-attivita' 'L-Akbar Titulari' fejn il-Kunsill irnexxilu jikseb l-approvazzjoni taż-żewġ kappillani tal-parroċċi rispettivi. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li kull banda f'din l-attivita' ser tkun qed tieħu ammont ta' fondi bejn il-baned u l-armar li jistgħu jlaħħqu mhux aktar min €10,00 kull wieħed. L-attivita' kollha ser tkun qed t'ammonta għal madwar €45,000, filwaqt li l-attivita' li suppost saret f'Settembru ma żmien ir-regatta, ser tkun qed issir f'Novembru, hekk kif ma setgħax jinkera l-Cruise Liner terminal minħabba l-wasla tal-Cruiseliners. Apparti hekk is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fis-16 t'Ottubru ser ikun hemm il-programm tal-wasla tal-George Cross fil-Marsa li hija ġurnata sħiħa attivitajiet fuq barra fejn ikun hemm trakkijiet u armi taż żmien it-Tieni Gwerra Dinjija. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *49.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

49.15.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.30pm u ġiet aġġornata għat-13 ta' Settembru fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

IFFIRMATA

Josef Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Edward Spiteri Audibert
Segretarju Eżekuttiv